MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1490/1994/2

**L-Avukat Dottor Kevin F.Dingli, fil-kwalita' tieghu bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Dingli Co.International Ltd., u dina bhala Agent f' Malta ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera The Performing Right Society Limited ta' Londra Ingilterra**
**Vs**
**Joseph Baldacchino, fil-kwalita' tieghu bhala Direttur, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socejta' Smash Recordings Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu ppremetta u talab hekk:

Peress illi l-konvenut nomine, permezz tal-istazzjon tar-radju tieghu li jgib l-isem "Smash Radio", liema stazzjon tar-radju jitrasmetti terrestrijalment minn Malta fuq il-

frekwenza 104.6 Mhz FM, xandar f'Malta jew gieghel lil haddiehor li jxandar f'Malta, muzika tutelata ossia "copyright" u kkontrollata mis-socjeta' attrici, billi fil-5 ta' Lulju 1994 fost affarijiet ohra xandar ix-xogholijiet muzikali intitolati "We Are The Champions", "Things Can Only Get Better", "Teenage Sensation", "Uptight" u "Another Day In Paradise"; u billi wkoll fit-13 ta' Lulju 1994 fost affarijiet ohra xandar ix-xogholijiet muzikali intitolati "Uptight", "Because of You", "Best", "I Still Haven't Found What I'm Looking For", "Kingston Town", "We Are The Champions", "You Bring On The Sun", "I Know Him So Well", "We Are The Champions", "Can't Stop This Thing We Started" u "Invisible Touch" – a rigward ta' liema xogholijiet muzikali kollha is-socjeta' attrici tgawdi bil-ligi, fost drittijiet ohrajn, id-dritt esklussiv ghall-kontroll f'Malta tal-att tax-xandir;

U peress illi l-konvenut nomine ma kienx applika ghal, u wisq anqas ottjena, il-licenzja tal-attur nomine sabiex ixandar l-fuq imsemmija xogholijiet muzikali skond kif inhu minnu rikjest ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 13 (1) tal-Att Dwar id-Drittijiet tal-Awtur (Kapitolu 196 tal-Ligijiet ta' Malta, Edizzjoni Riveduta 1984);

U peress illi b'hekk il-konvenut nomine gie li ttrasgredixxa d-drittijiet tal-awtur vestiti fis-socjeta' attrici skond il-ligi;

U peress illi nonostante illi l-attur nomine kien interpella lill-konvenut nomine diversi drabi, anke gudizzjarment, sabiex jottempora ruhu mal-ligi billi japplika ghal u jottjena l-hrug tal-licenzja relattiva, l-istess konvenut nomine baqa' ghal kollox inadempjenti.

Ighid ghalhekk il-konvenut nomine ghaliex, ghar-ragunijiet premessi:-

1. M'ghandux jigi ddikjarat u deciz minn dina l-Onorabbli Qorti illi l-konvenut nomine ittrasgredixxa d-drittijiet tal-awtur fuq xogholijiet muzikali vestiti fl-attur nomine skond il-ligi billi permezz tal-istazzjon tar-radju tieghu li jgib l-isem "Smash Radio", fil-5 ta' Lulju 1994 xandar f'Malta jew gieghel lil haddiehor li jxandar f'Malta, fost affarijiet ohra, ix-xogholijiet muzikali intitolati "We Are

The Champions", "Things Can Only Get Better", "Teenage Sensation", "Uptight" u "Another Day In Paradise"; kif ukoll billi wkoll fit-13 ta' Lulju 1994 fost affarijiet ohra xandar f'Malta jew gieghel lil haddiehor li jxandar f'Malta, , fost affarijiet ohra, ix-xogholijiet muzikali intitolati "Uptight", "Because of You", "Best", "I Still Haven't Found What I'm Looking For", "Kingston Town", "We Are The Champions", "You Bring On The Sun", "I Know Him So Well", "We Are The Champions", "Can't Stop This Thing We Started" u "Invisible Touch" - a rigward ta' liema xogholijiet muzikali kollha is-socjeta' attrici tgawdi bil-ligi, fost drittijiet ohrajn, id-dritt esklussiv ghall-kontroll f'Malta tal-att tax-xandir;

2. M'ghandux il-konvenut nomine jigi kkundannat minn dina l-Onobabbli Qorti sabiex ihallas lill-attur nomine penali ta' mhux anqas minn ghaxar liri Maltin (Lm10) u mhux aktar minn hames mitt liri Maltin (Lm500) kif dina l-istess Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi kollha tal-kaz u dana ai termini tal-Artikolu 13 (3) tal-Att Dwar id-Drittijiet tal-Awtur (Kap. 196 tal-Ligijiet ta' Malta); u

3. M'ghandux il-konvenut nomine jigi inibit milli jxandar f'Malta jew milli jgieghel lil haddiehor li jxandar f'Malta dawk ix-xogholijiet muzikali tutelati ossia copyright u kkontrollati mis-socjeta' attrici u dana sakemm ma jkunx japplika ghal u ottjena l-hrug tal-licenzja relattiva minghand l-attur nomine, u dana a bazi u ghall-finijiet tad-disposizzjonijiet tal-Att Dwar id-Drittijiet tal-Awtur (Kapitolu 196 tal-Ligijiet ta' Malta) – taht il-pieni komminati mill-ligi ghall-hatjin ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti ghal kull eventwali infrazzjoni tal-ordni li jigi moghti fuq dina d-domanda.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Awwissu 1994 kontra l-konvenut nomine li huwa ingjunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine li biha eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok l-attur nomine ma jistax jipprocedi ai termini tal-provvedimenti tal-Copyright Act Kap 196 tal-

Ligijiet ta' Malta peress li x-xandiriet in kwistjoni kienu jikkonsistu f'xandiriet ritrasmessi u bhala tali huma ezenti mill-komminazzjonijiet tal-Copyright Set fuq imsemmi b'artikolu 40 tal-Att Dwar ix-Xandir u peress ukoll li hawn si tratta ta' xandir mill-gdid, li skond l-istess interpretazzjoni tal-kelma "Xandir" f'artikolu 2 tal-Kap 196 tal-Ligijiet ta' Malta, tali xandir m'hux kolpit mill-komminazzjonijiet tal-istess Kap tal-Ligijiet, u ghalhekk l-eccipjent ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju jrid jigi ppruvat li l-persuna li ffirmat il-prokura u rrilaxxjata mill-Performing Rights Society Limited a favur tas-Socjeta' Dingli Co International Ltd (Dok A), hi fil-fatt il-persuna guridikament idoneja skond l-istess statut u articles tal-P.R.S. Ltd., biex fil-fatt taghti tali mandat – fin-nuqqas l-eccipjent ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost il-P.R.S. Ltd. m'hijiex awtonoma ai termini tal-arikolu 4(1) tal-Kap 196 tal-Ligijiet ta' Malta u kwindi anki hawn l-eccipjent ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

4. Illi ma tezisti ebda cessjoni favur il-P.R.S. Ltd. peress li mid-"Deeds of Assignment" ezistenti, ma jidherx li l-P.R.S. Ltd. kienet parti ghal dak il-ftehim, hlief li persuni ghan-nom ta' dik is-socjeta' ffirmaw dak id-dokument u kwindi l-azzjoni ttentata m'hijiex sostenibbli kontra l-eccipjent a bazi tac-cessjoni jew assignment imsemmi.

5. Illi dato ma non concesso, li hawn si tratta ta' cessjoni vera u proprja, kull cessjoni esebita kienet soggetta ghall-kundizzjoni resoluttiva li "the assignor is a member of the Society", u kwindi jrid jigi ppruvat, li kull "assignor" jew cessjonant f'dawk id-deeds, fil-mument tal-azzjoni kien ghadu membru tal-P.R.S. Ltd. ghax altrimenti l-P.R.S. Ltd. ma setghetx tipprocedi kontra l-eccipjent bl-istanti.

6. Illi fil-meritu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda kontra taghhom bl-ispejjez.

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Is-socjeta’ attrici The Performing Right Society hija socjeta’ li l-membri taghha jgawdu drittijiet tal-awtur fuq xogholijiet muzikali. Din is-socjeta’ tahdem billi l-membri taghha jcedulha d-drittijiet taghhom ta’ l-awtur, kif jirrizulta mid-diversi Deeds of Assginment esbiti, u hi minn naha taghha tiehu hsieb li tohrog licenzji favur min ikun irid jaghmel xi atti, dwar ix-xogholijiet muzikali, kontrollati bid-drittijiet tal-attur; u tigbor id-drittijiet relattivi biex eventwalment tqassamhom fost il-membri taghha.

Jirrizulta wkoll provat li din is-socjeta’ attrici hatret bhala mandatarja u agent taghha f’ Malta lis-socjeta’ Dingli Co. International Ltd. skond prokura datata 3 ta’ Settembru 1986[1] u li ghadha fis-sehh, stante li ma gietx revokata, anzi tinsab konfermata minn Brian John Wilkinson fl-affidavit tieghu.[2]

Fl-affidavit tieghu dan spjega li The Performing Right Society Limited hija socjeta’ inkorporata that il-Companies Acts 1908 u 1913 tar-Renju Unit, u dan mis-sena 1914. Hu ilu jahdem ma’ din is-socjeta’ mis-sena 1961, u mis-sena 1991 beda jokkupa l-kariga ta’ Segretarju. Huwa kkonferma li l-mandat tas-socjeta’ Dingli Co.International Ltd. u senjatament l-Agency Agreement datat 14 ta’ Lulju 1986 ghadu “in full force and effect,” kif ukoll li l-persuni li ffirmaw ghan-nom tas-socjeta’ estera kienu debitament

[1] Dok.A – Fols.9 - 14
[2] Fol.100 - 104

awtorizzati skond l-istatut tal-istess socjeta', fiz-zmien meta huwa kien jokkupa l-kariga ta' Assistant Secretary. Huwa wkoll, wara li spjega li c-cessjoni bil-miktub moghtija lis-socjeta' hija ta' natura generali u tkopri anke xogholijiet futuri, kkonferma d-Deeds of Assigments esebiti u li dawn ghadhom fis-sehh u li x-xogholijiet indikati fl-affidavit tieghu u l-awturi taghhom wkoll elenkati kienu membri tas-socjeta' fiz-zmien tal-prezentata tal-att tac-citazzjoni.

Illi fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut ssolleva li ghal kaz in dizamina japplika l-Artikolu 40 tal-Att tax-Xandir[3] li f' kaz ta' "ritrasmissjoni" ta' xandir, kif defenita fl-istess Att, l-applikazzjoni tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur hija eskluza. In propositu hija relevanti x-xhieda ta' Antoine Ellul, Chief Executive tal-Awtorita' tax-Xandir, fejn spjega li "Fil-kumpless tal-Gharghur, Smash Radio [gestit mill-kumpanija konvenuta], bhal kull stazzjon iehor, ghandhom kamra that il-kontroll taghhom fejn hemm it-transmitter taghhom, cioe' proprjeta' taghhom, li permezz tieghu ixandru permezz tal-master antenna" tramite cable link. Ikompli jghid li s-socjeta' Master Antenna Ltd. li topera l-master antenna "m' ghandha l-ebda kontroll fuq il-kontenut tal-programmi. Sempliciment taghmel relay taghhom". [Fol.166]. Minn dan jirrizulta li l-operat tal-konvenut ma jidholx fl-ambitu tat-terminu 'ritrasmissjoni' kif definit fis-sub inciz [2] tal-Artikolu 40, imma s-socjeta' konvenuta tittrasmetti l-programmi hi, that il-kontroll taghha, bit-transmitter taghha tramite l-master antenna, bhall-istazzjonijiet lokali l-ohra kollha. Ghaldaqstant din l-eccezzjonijiet mhix sostenibbli.

Dan premess u kunsidrat, jigi osservat li mill-provi jirrizulta ampjament li s-socjeta' konvenuta tramite l-istazzjoni tar-radju taghha bl-isem Smash Radio xandret f' Malta diversi xogholijiet muzikali vestiti fis-socjeta' attrici estera The Performing Right Society Limited, kif fuq indikat u dan minghajr l-licenzja mehtiega mill-istess socjeta. Dan l-operat tas-socjeta' konvenuta, li jirrizulta provat mill-affidavit u xhieda ta' John Dingli u l-affidavit ta' Brian Wilkinson fuq indikat, huwa in vjolazzjoni tal-Artikolu 13[1]

---

[3] Vigenti dak iz-zmien - 1991

b' referenza ghall-Artikolu 3 tal-Kap.169. Barra minnhekk, jinghad li l-fatt li x-xandir huwa att li l-ghemil tieghu huwa kontrollat minn drittijiet ta' l-awtur johrog car mill-Art.7[1] tal-istess Kap.

Ix-xogholijiet muzikali indikati fl-affidavit tal-imsemmi Wilkonson huma - We are the Champions; Things Can Only Get Better, Teenager Sensation, Another Day in Paradise; I Still Haven't Found What I'am Look For; Kingston Town; You Bring On the Sun; Invisible Touch [Fol.103].

Illi minn naha tieghu l-konvenut fl-affidavit tieghu spejga li huwa kien ghamel diversi tentattivi sabiex jasal fi ftehim mas-socjeta' estera, izda "jiena qatt ma kont wasalt ghal-ftehim mal-Performing Rights Society ghas-semplici raguni illi huma qatt ma riedu jiccaqalqu mit-tariffi rigidi taghhom" Inoltre "Qatt ma gabu prova ta' x' kienu x-xogholijiet li kellhom ir-rapprezentanza taghhom precizament" [Fol.244]. In propositu l-Qorti tosserva li r-raguni moghtija mill-konvenut certament ma jiggustifikax il-vjolazzjoni tal-ligi kontinwa da parti taghha fil-konfront tal-attrici. Kif korrettament osserva l-attur fin-nota tieghu, jekk il-konvenut kellu xi ilment dwar il-kondizzjonijiet ghall-ghoti ta' licenzja, huwa kellu l-fakolta' li jinvoka l-applikazzjoni tal-Artikolu 15 u jressaq l-ilmenti tieghu quddiem il-Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur kompost bis-setgha tal-artikolu 17 tal-istess Kap. Imma certament ma setghax il-konvenut jinjora l-ligi u konvenjentement, minghajr ma jhallas xejn, jittrasmessi minghajr licenzja in vjolazzjoni tal-ligi.

Illi fin-nota tieghu l-konvenut ssolleva li s-socjeta' attrici ma gabet ebda prova dwar jekk dawn ix-xogholijiet gewx expired jew le. In propositu l-Qorti, filwaqt li tosserva li dan il-punt ma giex sollevat b' forma ta' eccezzjoni formali li ghaliha l-attur kien ikun jista' jirrispondi anke bil-provi, izda gie sollevat wara l-gheluq tal-provi, din il-Qorti f' dan l-istadju tirrileva li mill-provi migjuba <u>ma hemm xejn x' jindika</u> u ma rrizultax li t-terminu ta' hamsa u ghoxrin sena mill-mewt tal-awtur, kontemplat fl-Artikolu 4 skada; u ghalhekk, fin-nuqqas ta' prova jew provi li juru l-kuntrarju,

m' ghandux jigi kkunsidrat li skada l-terminu tal-protezzjoni.

In fine, rigward l-ahhar talba attrici, hija opportuna l-osservazzjoni maghmula mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kummercjali fil-kawza App.K. L-Avukat Dr.Kevin Dingli noe et vs Henry Hunt – 22 Jannar 1992 fis-sens li s-socjta' attrici ghandha l-jedd li titlob li l-konvenut jigi inibit milli jkompli jikser il-ligi fil-konfront taghha. Di fatti dik l-Onorabbli Qorti kienet inibit lill-konvenut milli jkompli bl-agir illegali tieghu.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, previa rigett tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine, tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti ghax-xogholijiet fuq indikati, u tikkundanna lill-istess konvenut nomine jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mitt lira multa [Lm500] in linea ta' penali a tenur tal-Artikolu 13[3] tal-Kap.196 u tordna lill-istess konvenut nomine sabiex minnufih jieqaf milli jkompli jxandar, f' Malta jew igieghel lil haddiehor jxandar f' Malta dawk ix-xogholijit muzikali, fuq indikati, tutelati u kkontrollati mis-socjeta' attrici u li huma indikati wkoll fl-affidavit ta' Brian John Wilkonson [Fol.103]; u dana sakemm ma jkunx applika ghal u ottjena l-hrug tal-licenzja relattiva minghand l-attur nomine skond id-dispozizzjonijiet tal-Kap.196 – that il-pieni komminati mill-ligi ghall-hatjin ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti ghal kull eventwali infrazzjoni tal-ordni li jigi moghti fuq dina d-domanda. Bl-ispejjez a kariku tal-konvenut nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------